



Brussell, 28 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12577/18

CDR 138

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni bil-proċedura ta' silenzju

1. B'ittra datata l-10 ta' Novembru 2017, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-telf tal-mandat tas-Sa Maria BADIA i CUTCHET, membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll bit-telf tal-mandat tas-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO, membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 14242/17.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-Gvern Spanjol ippropoġna² li ġej:
- a) bħala membru:
- Is-Sur Ernest MARAGALL i MIRA, *Consejero de Asuntos Exteriores, Relaciones Institucionales y Transparencia de la Comunidad Autónoma de Cataluña,*
- u
- b) bħala membru supplenti:
- Is-Sa Natàlia MAS GUIX, *Secretaria de Asuntos Exteriores y de la Unión Europea de la Comunidad Autónoma de Cataluña.*
5. Il-Presidenza tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni fid-dokument 12576/18 permezz tal-proċedura bil-miktub simplifikata, kif tidher fl-Artikolu 12(2)b tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.
6. Ladarba tiġi adottata, id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.

² 12575/18.